MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2012

Numru 13/2012

Il-Pulizija
(Spettur Kevin J Farrugia)

vs

Malcolm Mercieca

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 489989M, akkuzat talli nhar il-20 ta’ Settembru, 2011 ghal habta ta’ 19:15hrs fi Triq Wenzu Mallia l-Hamrun u f’dawn il-Gzejjer Maltin:

1. ghamel hsara volontarja fuq vettura DYN 125 ghad-dannu ta’ Stephanie Azzopardi li ghandha numru tal-karta tal-identita’ numru 78288M, liema ammont tal-hsara ma tiskorriex l-1,164.69 Ewro, imma izjed minn 116.47 Ewro.

nhar il-20 ta' Settembru, 2011 u fil-jiem ta' qabel f'dawn il-Gzejjer Maltin:

2. permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni eletronika hedded li jaghmel reat, u ghamel uzu iehor mhux xieraq bih u dan bi ksur tal-Artikolu 49 tal-Kap 399 (a) u (c).
3. bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta' xi hadd, wegghu bi kliem, b'gesti, b'kitba, b'disinji jew b'xi mod iehor u dan bi ksur tal-Artikolu 252(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. rrenda ruhu recediv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta (12 ta' Ottubru 2007 mill-Magistrat Dr J. Apap Bologna LL.D.) liema sentenza hi deciza u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna ta' Stephanie Azzopardi li ghandha numru tal-karta ta' identita' numru 78288M, taht il-kundizzjonijiet li jidhrilha xierqa u dan ai terminu tal-Artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Mitluba wkoll li minbarra u/jew flimkien mal-piena applikabbli, tapplika fil-konfront tal-hati, l-Ordni ta' Protezzjoni ai terminu tal-Artikolu 412C tal-Kodici Kriminali taht dawk il-kawtieli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa.

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament mhux opposta.

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni huwa baqa' jinsisti anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Stante l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputat tiddikjarah u ssibu hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Rat l-Artikolu 325(b), 252(1) u 67(b) tal-Kap 9, l-Artikolu 49(a)(c) tal-Kap 399 tiddikjarah u ssibu hati.

Tilliberah ghal tlett snin mill-lum bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 24

tac-citat Kap 446 tikkundannah ihallas lil Stephanie Azzopardi s-somma ta’ 728.77 Ewro import tal-hsara, mhux oltre sitt xhur mill-lum li ghandhom isiru permezz tal-Avukat taghha. Inoltre l-Qorti qeghdha tordna l-hrug ta’ ordni ta’ protezzjoni kontra l-imputat ai termini tal-Artikolu 412(c) tal-Kap 9 ghall-perjodu ta’ tlett snin mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------